

Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta’ rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu sabiex ix-xogħol jagħti sodisfazzjon sħiħ lil kull persuna u jsostni bid-dinjità lill-familji ħalli jkollna soċjetà aktar umana.

**Qari:** *Omelija ta’ Papa Franġisku f’Jum il-Ħaddiem f’Mejju 2020*

‘U Alla ħalaq’ (Ġen. 1, 27). Alla Ħallieq. Ħalaq id-dinja, ħalaq il-bniedem u tah missjoni: imexxi, jaħdem, iseddaq il-ħolqien. Il-Bibbja tuża l-kelma ‘xogħol’ biex tiddeskrivi din l-attività ta’ Alla: ‘Fis-seba’ jum Alla temm ix-xogħol tiegħu kollu li kien għamel; u waqaf fis-seba’ jum mix-xogħol tiegħu li kien għamel’ (Ġen. 2, 2). U din l-attività għaddieha lill-bniedem: ‘Int għandek tagħmel dan, tħares dan u dak.’ Qisu qed jgħid hekk: ‘Int għandek taħdem biex flimkien miegħi toħloq din id-dinja, biex tibqa’ miexja ’l quddiem’ (cfr. Ġen. 2, 15, 19-20). Sal-punt li x-xogħol mhux ħlief it-tkomplija tal-ħidma t’Alla: xogħol il-bniedem hu l-vokazzjoni tiegħu mogħtija lilu minn Alla x’ħin temm joħloq l-univers.
Ix-xogħol jagħmel lill-bniedem jixbah lil Alla, għax bix-xogħol il-bniedem hu ħallieq, joħloq il-familja biex (id-dinja) timxi ’l quddiem. Il-bniedem hu ħallieq u joħloq bix-xogħol. Din hi l-vokazzjoni. U l-Bibbja tgħid li ‘Alla ra li kollox kien sew ħafna’ (cfr. Ġen. 1, 31). Jiġifieri x-xogħol minnu nnifsu fih tjubija u joħloq l-armonija bejn il-ħwejjeġ – sbuħija, tjubija – u lill-bniedem jinvolvih fis-sħuħija tiegħu: fil-ħsieb, fl-aġir, f’kollox. Ix-xogħol jorbot lill-bniedem sħiħ. Ix-xogħol huwa l-vokazzjoni ewlenija tal-bniedem. Lill-bniedem dan jagħtih id-dinjità. Dinjità li tagħmlu jixbah lil Alla. Id-dinjità tax-xogħol.

Mulej, nirringrazjak b’qalbi kollha
talli int ħlaqt lill-bniedem xbieha tiegħek.
Għalik il-bniedem hu ta’ min iħobbu,
ta’ min japprezzah u ta’ min jagħtih id-dinjità.
U mhux hekk biss, Mulej.
Inti tajtu d-dinjità għax ridtu jkompli ħidmietek.
Ridtu jkun ħallieq bħalek u ridt li x-xogħol
ikun il-vokazzjoni ewlenija tal-bniedem.

Ridt li l-bniedem ikollu d-dinjità li tixbah lil tiegħek
permezz tal-ħidma tiegħu li jagħmel bl-għaraq ta' xbinu.
Iżda, sfortunatament, il-bniedem tilef ir-rotta
u spiċċa jneżża' lil ħuh minn kull dinjità.
Spiċċa jqis il-flus u l-ġid materjali bħala l-alla tiegħu.
u allura jittratta ħażin lill-impjegati tiegħu.
Mulej, nitolbu għal dawk il-ħafna ħaddiema
li ma jitħallsux tajjeb ta' xogħolhom,
li huma mneżżgħa minn kull dinjità għax jiġu ttrattati ħażin
u li huma meqjusa bħala xi oġġett li tista' tużah
u tarmih meta jidhirlek li m'għandekx iktar bżonnu.
Nitolbuk ukoll, Mulej, għall-bnedmin kollha
biex ħadd ma jkun imċaħħad mix-xogħol
u biex il-ħaddiema kollha jitħallsu kif jixraq
u jgawdu d-dinjità tax-xogħol u s-sbuħija tal-mistrieħ.
Nilolbuk sabiex timla bid-dehen lill-imprendituri
biex jagħrfu jittrattaw lill-ħaddiema b'dinjità u b'ġustizzja,
ħalli dawn jaqilgħu l-għixien tagħhom
u jkunu jistgħu jmantnu lill-familji tagħhom.

**KANT**

**Qari**: *Omelija ta' Papa Franġisku f'Jum il-Ħaddiem f'Mejju 2020*

Fl-istorja rajna dwar il-kefrija li biha kienu jittrattaw lill-ilsiera: kienu jkaxkruhom mill-Afrika lejn l-Amerika – qed naħseb dwar l-istorja li misset lil pajjiżi stess. Aħna ngħidu 'xi brutalità!'… Imma llum ukoll hawn għadd kbir ta' lsiera, tant irġiel u nisa li mhumiex ħielsa biex jaħdmu: imġagħlin jaħdmu biex jaqilgħu kemm kemm jgħixu, xejn aktar. Huma lsiera: ix-xogħol sfurzat, inġust, imħallas ħażin, li lill-bniedem iwaqqgħu, jgħix bid-dinjità mirfusa taħt is-saqajn. Hemm ħafna u ħafna fid-dinja. Għadd kbir. Ftit xhur ilu fil-ġurnali qrajna li f'pajjiż fl-Asja imprenditur qatel impjegat tiegħu, li kien jaqla' anqas minn nofs dollaru kuljum, bid-daqqiet tal-bastun, għax kien għamel xi ħaġa ħażin. Imma hawn qribna, hawn fostna jiġri wkoll.

Niftakru ftit f'dawk li jingħataw xogħol għal ġurnata, li jitħaddmu u jingħataw ħlas miżeru, minkejja li jaħdmu mhux tmien sigħat, imma tnax jew erbatax-il siegħa kuljum: dan qed jiġri llum, hawn. Fid-dinja kollha, imma hawn ukoll. Aħseb ftit f'dik li tiġi tgħinek fix-xogħol tad-dar, li mhux imħallsa kif jixraq, li m'għandhiex assistenza soċjali taħt rasha, li m'għandhiex pensjoni. Dan mhux qed jiġri fl-Asja biss: qed jiġri hawn ukoll.

Mulej, kemm hi ħaġa tassew kiefra li l-bniedem
jittratta ħażin lil ħuh u jħares lejh bħala lsir.
Kemm hawn nies li m'humiex irrispettati fuq il-post tax-xogħol,
li jneżżgħulhom ġieħhom kollu
u huma nieqsa minn kull dinjità u umanità!
Mulej, imla bid-dehen lil kull min iħaddem
ħalli huma ma jabbużawx mill-pożizzjoni tagħhom
u b'hekk jittrattaw tajjeb lill-ħaddiema li jaħdmu magħhom.
Missier qaddis, nitolbu għal uliedek abbużati fuq ix-xogħol,
għal dawk li huma meqjusin bħala oġġetti u mhux bħala bnedmin. Għinhom
jagħrfu li għandhom dinjità
għaliex huma bnedmin, u għaliex huma wliedek.
Nitolbuk, Mulej, sabiex trattab il-qalb ta' kull min iħaddem,
sabiex juru rispett lejn il-ħaddiema tagħhom,
biex b'hekk dawn iħossuhom
li għandhom valur u dinjità fil-ħajja u fis-soċjetà
u jkunu jistgħu jħarsu lejhom infushom
bħala nies utli, ħielsa u indipendenti.
Nitlobuk ukoll, b'mod speċjali, għal dawk kollha
li huma abbużati fuq il-post tax-xogħol,
għal dawk li għandhom xogħol prekarju,
għal dawk il-ħaddiema li m'humiex rispettati
u għal dawk kollha li għandhom xogħol ta' periklu.
Nitolbuk ukoll, Mulej, sabiex tgħin lil dawk kollha
li qed jiġġieldu għad-dinjità tax-xogħol,
sabiex huma jgħinu lil sħabhom biex ma jibqgħux ilsiera,
biex jgħinuhom jinħallu mill-inġustizzja
ta' xogħol sfurzat, inġust u mħallas ħażin.

Fuq kollox, Mulej, nitolbu għal dawk kollha
li qed jitqabdu biex ikollhom il-ġustizzja fuq il-post tax-xogħol.
Kun int, Mulej, l-għajnuna u t-tarka tagħhom,
u żommhom dejjem qrib il-qalb ħanina tiegħek.

**KANT**

**Nitolbu Flimkien**

Mulej, nitolbuk sabiex ikun hemm xogħol għal kulħadd u biex kull xogħol ikun xogħol dinjituż, u mhux xogħol ta' jasar.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbuk sabiex il-bnedmin ta' rieda tajba jaħdmu flimkien biex itejbu l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema ħalli dawn jaħdmu b'dinjità u serenità.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Niolbu wkoll, Mulej, għal dawk li jingħataw xogħol għal ġurnata, li jitħaddmu u jingħataw ħlas miżeru minkejja li jaħdmu ħinijiet twal. Għinhom, Mulej, sabiex ma jitfarrkux taħt dan it-toqol f'ħajjithom.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbu għal dawk l-imprendituri tal-affari tagħhom li jmexxu xogħolhom bil-ġustizzja u ma jirfsux lill-ħaddiema taħt riġlejhom. Agħtihom l-għajnuna tiegħek sabiex anke jekk imorru minn taħt, huma jibqgħu jgħinu lill-ħaddiema biex jgħixu b'dinjità.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbu skont l-intenzjoni tal-mibki Papa Franġisku għal dan ix-xahar, sabiex ix-xogħol jagħti sodisfazzjon sħiħ lil kull persuna, isostni bid-dinjità lill-familji, ħalli jkollna soċjetà aktar umana.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.